DIGRIET TAL-QORTI ĠENERALI (Id-Disa' Awla)

17 ta' Ottubru 2024*

"Rikors għal annullament – Agrikoltura – Pjan strateġiku li jaqa' taħt il-politika agrikola komuni (PAK) – Regolament (UE) 2021/2115 – Regoli dwar l-għajnuna għall-pjanijiet strateġiċi mfassla mill-Istati Membri fil-kuntest tal-PAK – Approvazzjoni tal-Kummissjoni – Proċedura amministrattiva komposta jew kumplessa – Ġurisdizzjoni tal-Qorti Ġenerali – Ammissibbiltà – Osservanza tat-terminu għall-preżentata ta' rikors – Għarfien tal-att ikkontestat – *Locus standi*"

Fil-Kawża T-729/22,

**Complejo Agrícola Las Lomas, SL**, stabbilita f'Madrid (Spanja), irrappreżentata minn J. Sedano Lorenzo, avukat,

rikorrenti,

vs

**Il-Kummissjoni Ewropea**, irrappreżentata minn A-C. Becker u F. Castilla Contreras, bħala aġenti,

konvenuta,

IL-QORTI ĠENERALI (Id-Disa' Awla),

komposta minn L. Truchot, President, H. Kanninen (Relatur) u T. Perišin, Imħallfin,

Reġistratur: V. Di Bucci,

wara li rat il-fażi bil-miktub tal-proċedura,

tagħti l-preżenti

## Digriet

1 Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti, Complejo Agrícola Las Lomas, SL, titlob l-annullament tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2022) 6017 final tal-31 ta' Awwissu 2022 li tapprova l-pjan strateġiku ta' Spanja li jaqa' taħt il-PAK 2023–2027, bil-għan ta' għajnuna tal-Unjoni ffinanzjata mill-Fond

* Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol.

Agrikolu Ewropew ta' Garanzija u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni kkontestata"), sa fejn hija approvat il-punt 3.4 tal-pjan strateġiku Spanjol li jaqa' taħt il-politika agrikola komuni (PAK) li jipprovdi li l-ammont massimu tal-għajnuna bażika għad-dħul għal żvilupp sostenibbli li għandu jingħata lil bidwi skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 (ĠU 2021, L 435, p. 1, rettifiki fil-ĠU 2022, L 181, p. 35 u fil-ĠU 2022, L 227, p. 136), ma jistax jaqbeż is-somma ta' EUR 200 000 (iktar 'il quddiem il-"miżura kontenzjuża").

## Il-fatti li wasslu għall-kawża

2 Ir-rikorrenti hija kumpannija Spanjola, stabbilita f'Madrid (Spanja), li għandha bħala għan, b'mod partikolari, l-akkwist u l-esplojtazzjoni ta' artijiet agrikoli għal attivitajiet agrikoli, forestali u ta' trobbija.

3 Fid-29 ta' Diċembru 2021, ir-Renju ta' Spanja ppreżenta lill-Kummissjoni Ewropea, abbażi tal-Artikolu 118(1) tar-Regolament 2021/2115, proposta għal pjan strateġiku li jaqa' taħt il-PAK (iktar 'il quddiem il-"PSPAK") għall-perijodu 2023–2027.

4 Fil-31 ta' Marzu 2022, konformement mal-Artikolu 118(2) tar-Regolament 2021/2115, il-Kummissjoni, wara li evalwat il-proposta għal PSPAK imfassla mir-Renju ta' Spanja (iktar 'il quddiem il-"PSPAK Spanjol"), ifformulat osservazzjonijiet u talbet informazzjoni supplimentari.

5 Fis-27 ta' Lulju 2022, ir-Renju ta' Spanja kkomunika lill-Kummissjoni informazzjoni sabiex jagħti segwitu għall-osservazzjonijiet tagħha u ppreżenta verżjoni rriveduta tal-proposta tiegħu għal PSPAK.

6 Fil-31 ta' Awwissu 2022, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni kkontestata, li tapprova l-PSPAK Spanjol propost, abbażi tal-Artikolu 118(4) tar-Regolament 2021/2115.

## Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet

7 Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tannulla d-Deċiżjoni kkontestata, sa fejn il-Kummissjoni approvat il-miżura kontenzjuża;

– tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

8 Ir-rikorrenti titlob ukoll li l-Kummissjoni tipproduċi r-rapport tal-proċedura ta' tfassil tal-proposta għall-PSPAK Spanjol li jinsab fil-pussess tagħha.

9 Permezz ta' att separat ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-16 ta' Frar 2023, il-Kummissjoni, abbażi tal-Artikolu 130(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, qajmet eċċezzjoni ta' inammissibbiltà li fiha hija titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors bħala inammissibbli;

– tikkundanna lir-rikorrent għall-ispejjeż.

10 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-27 ta' Frar 2023, ir-Renju ta' Spanja talab jintervjeni f'din il-proċedura insostenn tat-talbiet tal-Kummissjoni.

11 Fis-17 ta' April 2023, ir-rikorrenti ppreżentat l-osservazzjonijiet tagħha dwar l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-Kummissjoni. Hija titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha tiċħad l-imsemmija eċċezzjoni.

**Id-dritt**

12 Skont l-Artikolu 130(1) u (7) tar-Regoli tal-Proċedura, jekk il-konvenut jitlob dan, il-Qorti Ġenerali tista' tiddeċiedi dwar in-nuqqas ta' kompetenza jew dwar l-inammissibbiltà mingħajr ma tidħol fil-mertu tal-kawża.

13 F'dan il-każ, peress li l-Kummissjoni talbet li tingħata deċiżjoni dwar l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà, u l-Qorti Ġenerali tqis li hija għandha biżżejjed informazzjoni mid-dokumenti tal-proċess, hija ddeċidiet li tagħti deċiżjoni mingħajr ma tkompli l-proċedura.

14 Insostenn tal-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà, il-Kummissjoni tinvoka, l-ewwel nett, in-nuqqas ta' osservanza tar-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 21 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u fl-Artikolu 76(d) u (e) tar-Regoli tal-Proċedura, it-tieni nett, l-assenza ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti Ġenerali sabiex tistħarreġ il-miżura kontenzjuża u, it-tielet nett, nuqqas ta' *locus stand*i tar-rikorrenti.

15 Mistoqsija mill-Qorti Ġenerali, fil-kuntest tal-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura adottati skont l-Artikolu 89 tar-Regoli tal-Proċedura, dwar l-osservanza tat-terminu għall-preżentata ta' rikors kontra d-Deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni tqis ukoll li r-rikors ġie ppreżentat barra mit-terminu.

***Fuq l-osservanza tat-terminu għall-preżentata ta' rikors***

16 Il-Kummissjoni ssostni li l-bidu tad-dekorrenza tat-terminu għall-preżentata ta' dan ir-rikors kien id-data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni kkontestata, il-31 ta' Awwissu 2022, jew l-iktar tard id-data tal-pubblikazzjoni tagħha fuq is-sit internet tagħha, jiġifieri t-8 ta' Settembru 2022. Fil-fehma tagħha, ir-rikorrenti kienet taf bl-eżistenza tal-imsemmija deċiżjoni sa mhux iktar tard minn din l-aħħar data. Issa, ir-rikorrenti ma ssodisfatx l-obbligu ta' diliġenza tagħha sabiex titlob, f'terminu raġonevoli, l-aċċess għat-test sħiħ ta' din id-deċiżjoni. B'hekk, it-terminu ta' xahrejn u għaxart ijiem skada fil-21 ta' Novembru 2022 u r-rikors ġie ppreżentat l-għada.

17 Ir-rikorrenti ssostni li, fl-assenza ta' pubblikazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew ta' komunikazzjoni tad-Deċiżjoni kkontestata, għandu jiġi applikat il-kriterju tal-għarfien fis-sens tas-sitt paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. Hija ssostni li saret taf bid-Deċiżjoni kkontestata biss lejn nofs ix-xahar ta' Ottubru 2022 billi kkonsultat is-sit internet tal-Ministeru għall-Agrikoltura, għas-Sajd u għall-Ikel Spanjol.

18 Skont is-sitt paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, ir-rikors għal annullament għandu jiġi ppreżentat f'terminu ta' xahrejn li jibdew jiddekorru, skont il-każ, mill-pubblikazzjoni tal-att ikkontestat, jew minn meta dan jiġi kkomunikat lir-rikorrent, jew, fin-nuqqas ta' dan, mill-jum li fih r-rikorrent

ikun sar jaf bih. Mill-kliem stess ta' din id-dispożizzjoni jirriżulta li l-kriterju tad-data tal-għarfien tal-att bħala l-bidu tad-dekorrenza tat-terminu għall-preżentata ta' rikors huwa ta' natura sussidjarja meta mqabbel mal-kriterji tal-pubblikazzjoni jew tal-kommunikazzjoni tal-att (sentenza tal-10 ta' Marzu 1998, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-122/95, EU:C:1998:94, punt 35).

19 Barra minn hekk, skont l-Artikolu 60 tar-Regoli tal-Proċedura, dan it-terminu għandu barra minn hekk jiżdied b'terminu stabbilit għal raġuni ta' distanza ta' għaxart ijiem.

20 Fl-ewwel lok, ma huwiex ikkontestat li d-Deċiżjoni kkontestata ma ġietx ikkomunikata lir-rikorrenti, peress li din tal-aħħar ma kinitx id-destinatarja.

21 Fit-tieni lok, skont il-ġurisprudenza, sabiex il-pubblikazzjoni tal-att ikkontestat tkun il-bidu tad-dekorrenza tat-terminu għall-preżentata ta' rikors, fis-sens tas-sitt paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, tali pubblikazzjoni għandha tkun meħtieġa minn dispożizzjoni tad-dritt primarju jew sekondarju tal-Unjoni Ewropea, jew għall-inqas tkun tirriżulta minn prattika stabbilita li r-rikorrent seta' leġittimament jistenna (ara, f'dan is-sens, id-digriet tal-15 ta' Mejju 2019, Metrans vs Il-Kummissjoni u INEA, T-262/17, EU:T:2019:341, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata).

22 F'dan il-każ, l-ewwel nett, huwa paċifiku li d-Deċiżjoni kkontestata ma ġietx ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali.

23 It-tieni nett, la l-Artikolu 118 tar-Regolament 2021/2115 u lanqas ebda dispożizzjoni oħra ta' dan ir-regolament ma jipprevedu metodu ta' pubblikazzjoni speċifiku tad-deċiżjonijiet ta' approvazzjoni tal-PSPAK.

24 It-tielet nett, għandu jiġi kkonstatat li, hekk kif tindika l-Kummissjoni fit-tweġiba tagħha għal mistoqsija tal-Qorti Ġenerali, ma teżistix prattika stabbilita ta' din l-istituzzjoni fil-qasam tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet, bħad-Deċiżjoni kkontestata, li r-rikorrenti setgħet leġittimament tistenna.

25 Għaldaqstant, peress li d-Deċiżjoni kkontestata la ġiet ippubblikata u lanqas ikkomunikata lir-rikorrenti, it-terminu għall-preżentata ta' rikors kontra dan l-att beda jiddekorri, hekk kif jipprevedi s-sitt paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, meta r-rikorrenti saret taf bih.

26 Issa, skont ġurisprudenza stabbilita, fin-nuqqas ta' pubblikazzjoni jew ta' komunikazzjoni, it-terminu għall-preżentata ta' rikors jibda jiddekorri biss mill-mument li fih il-parti kkonċernata jkollha għarfien eżatt tal-kontenut u tal-motivi tal-att inkwistjoni, bil-kundizzjoni li hija titlob it-test sħiħ tiegħu f'terminu raġonevoli li jibda jiddekorri mill-għarfien tal-eżistenza tal-att (ara, f'dan is-sens, id-digriet tad-19 ta' Novembru 2018, Landesbank Baden-Württemberg vs SRB, T-14/17, mhux ippubblikat, EU:T:2018:812, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata).

27 B'hekk, il-ġurisprudenza timponi fuq it-terz ikkonċernat, sabiex it-terminu jibda jiddekorri fil-konfront tiegħu biss fil-mument li fih huwa jkun jaf l-elementi rilevanti kollha għall-preżentata tar-rikors, l-obbligu li jitlob b'diliġenza t-test sħiħ tal-att li jkun jikkonċernah (ara d-digriet tat-8 ta' Diċembru 2021, Alessio *et* vs BĊE, T-620/20, mhux ippubblikat, EU:T:2021:877, punt 44 u l-ġurisprudenza ċċitata).

28 Mill-ġurisprudenza jirriżulta li l-għarfien tal-eżistenza ta' att jista' jiġi dedott minn diversi ċirkustanzi bħal, l-ewwel nett, id-dikjarazzjoni orali jew bil-miktub tat-terz ikkonċernat, it-tieni nett, il-pubblikazzjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali, ta' kommunikazzjoni qasira dwar l-att ikkontestat, it-tielet nett, il-pubblikazzjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali ta' Stat Membru, ta' att nazzjonali li jkun jirreferi, anki b'mod impreċiż, għall-att ikkontestat, ir-raba' nett, sitwazzjonijiet li fihom dawn iċ-ċirkustanzi huma meħuda flimkien, pereżempju meta l-att ikkontestat ikun ġie mxandar fil-mezzi tax-xandir u meta dikjarazzjonijiet magħmula mit-terz ikkonċernat jagħtu x'jinftiehem li huwa kien jaf li kien ġie adottat att, f'kuntest fejn kien evidenti li huwa kien isegwi mill-qrib l-evoluzzjoni tal-fajl (ara, f'dan is-sens, id-digriet tat-8 ta' Diċembru 2021, Alessio *et* vs BĊE, T-620/20, mhux ippubblikat, EU:T:2021:877, punti 47 sa 49 u l-ġurisprudenza ċċitata).

29 F'dan il-kuntest, għandu jitfakkar li t-terminu ta' xahrejn previst fis-sitt paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, li jibda jiddekorri, fin-nuqqas ta' pubblikazzjoni jew ta' komunikazzjoni tal-att li jista' jkun is-suġġett ta' rikors għal annullament, mid-data li fiha r-rikorrent ikun sar jaf bih, huwa differenti mit-terminu raġonevoli li din il-parti għandha sabiex titlob il-komunikazzjoni tat-test sħiħ ta' dan l-istess att sabiex ikollha għarfien eżatt tiegħu (ara d-digriet tad-19 ta' Novembru 2018, Landesbank Baden-Württemberg vs SRB, T-14/17, mhux ippubblikat, EU:T:2018:812, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata).

30 Għaldaqstant il-kriterju tat-terminu raġonevoli sabiex tintalab il-komunikazzjoni ta' att wara li persuna ssir taf bl-eżistenza tiegħu ma huwiex terminu stabbilit minn qabel li jitnaqqas awtomatikament mit-tul tat-terminu għall-preżentata ta' rikors għal annullament, iżda terminu li jiddependi miċ-ċirkustanzi tal-każ inkwistjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' Frar 2013, Eżami mill-ġdid ta' Arango Jaramillo *et* vs BEI, C-334/12 RX-II, EU:C:2013:134, punti 32 sa 34).

31 F'dan ir-rigward, għandu jiġi nnotat li f'ċerti kawżi ġie deċiż li talba għall-komunikazzjoni tat-test sħiħ ta' att imressqa xahrejn (ara, f'dan is-sens, id-digriet tal-5 ta' Marzu 1993, Ferriere Acciaierie Sarde vs Il-Kummissjoni, C-102/92, EU:C:1993:86, punt 19), iktar minn erba' xhur (ara, f'dan is-sens, id-digrieti tal-10 ta' Novembru 2011, Agapiou Joséphidès vs Il-Kummissjoni u EACEA, C-626/10 P, mhux ippubblikat, EU:C:2011:726, punti 130 sa 132; tal-15 ta' Lulju 1998, LPN u GEOTA vs Il-Kummissjoni, T-155/95, EU:T:1998:167, punt 44, u tad-19 ta' Novembru 2018, VR-Bank Rhein-Sieg vs SRB, T-42/17, mhux ippubblikat, EU:T:2018:813, punti 44 sa 49) jew iktar minn sitt xhur (ara, f'dan is-sens, id-digriet tat-18 ta' Mejju 2010, Abertis Infraestructuras vs Il-Kummissjoni, T-200/09, mhux ippubblikat, EU:T:2010:200, punt 63) wara li r-rikorrent kien sar jaf bl-eżistenza tiegħu kienet taqbeż it-terminu raġonevoli.

32 Barra minn hekk, f'ċirkustanzi differenti, ġie kkunsidrat li terminu ta' ġimagħtejn (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Marzu 1995, Socurte *et* vs Il-Kummissjoni, T-432/93 sa T-434/93, EU:T:1995:43, punt 50) jew ta' xahar kien jikkostitwixxi terminu raġonevoli (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Mejju 1994, Consorzio gruppo di azione locale "Murgia Messapica" vs Il-Kummissjoni, T-465/93, EU:T:1994:56, punt 32).

33 F'dan il-każ, minn naħa, l-adozzjoni tad-Deċiżjoni kkontestata tħabbret permezz ta' stqarrijiet għall-istampa tal-31 ta' Awwissu 2022 maħruġa mir-Rappreżentanza tal-Kummissjoni fi Spanja kif ukoll mill-Gvern Spanjol u, min-naħa l-oħra, id-Deċiżjoni kkontestata tqiegħdet online fuq is-sit internet tal-Kummissjoni fit-8 ta' Settembru 2022 kif ukoll fuq is-sit internet tal-Ministeru għall-Agrikoltura, għas-Sajd u għall-Ikel Spanjol fid-19 ta' Settembru 2022.

34 Ir-rikorrenti tiddikjara li kienet taf bid-Deċiżjoni kkontestata lejn nofs ix-xahar ta' Ottubru 2022 billi kkonsultat is-sit internet tal-Ministeru għall-Agrikoltura, għas-Sajd u għall-Ikel Spanjol mingħajr ma kienet f'pożizzjoni li tidentifika l-jum eżatt.

35 Fi kwalunkwe każ, anki jekk ir-rikorrenti kienet taf bl-eżistenza tad-Deċiżjoni kkontestata fil-31 ta' Awwissu jew fit-8 ta' Settembru 2022 hekk kif tafferma l-Kummissjoni, l-allegat nuqqas ta' attività tagħha bejn dawn id-dati u nofs Ottubru 2022 huwa ta' madwar xahar u nofs. Issa, tali terminu ma jistax jitqies, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, li jaqbeż it-terminu raġonevoli.

36 Fil-fatt, f'dan il-każ għandu wkoll jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li r-rikors għal annullament ġie ppreżentat fit-22 ta' Novembru 2022 u għalhekk jista' jitqies bħala tardiv biss jekk ir-rikorrenti kienet taf bil-kontenut tad-Deċiżjoni kkontestata qabel it-12 ta' Settembru 2022.

37 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li hija l-parti li tinvoka t-tardività ta' rikors, fid-dawl tat-terminu stabbilit, b'mod partikolari, fis-sitt paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, li għandha tipproduċi l-prova tad-data li fiha seħħ l-avveniment li jagħti bidu għad-dekorrenza tat-terminu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Diċembru 2012, Evropaïki Dynamiki vs Il-Kummissjoni, T-167/10, mhux ippubblikata, EU:T:2012:651, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata).

38 Issa, f'dan il-każ, il-Kummissjoni ma pproduċietx provi sabiex turi li r-rikorrenti kienet saret taf bil-kontenut tad-Deċiżjoni kkontestata qabel it-12 ta' Settembru 2022, iżda sempliċement sostniet li r-rikorrenti kienet taf bl-eżistenza tagħha sa mhux iktar tard mit-8 ta' Settembru 2022.

39 Għaldaqstant, dan ir-rikors ma jistax jitqies li ġie ppreżentat tardivament.

*Fuq l-osservanza tar-rekwiżiti formali*

40 Il-Kummissjoni ssostni li r-rikors huwa inammissibbli minħabba li dan ma jissodisfax il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 21 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u fl-Artikolu 76(d) u (e) tar-Regoli tal-Proċedura. Fil-fehma tagħha, anki jekk ir-rikors jindika li dan huwa rikors intiż għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni kkontestata, is-suġġett tat-tilwima huwa fir-realtà l-legalità tal-miżura kontenzjuża. Għalhekk, it-talbiet tar-rikorrenti ma humiex intiżi għall-annullament tal-imsemmija deċiżjoni, iżda għal dak ta' din il-miżura. Fl-aħħar nett, il-motivi ta' annullament ma jidentifikaw ebda żball jew illegalità mwettqa waqt l-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni, iżda jsemmu nuqqasijiet minn naħa tal-awtoritajiet Spanjoli. Barra minn hekk, il-motivi invokati fir-rikors ma humiex ċari biżżejjed u sempliċement jagħmlu riferimenti astratti u ġġeneralizzati għall-ġurisprudenza mingħajr ma japplikawha f'dan il-każ.

41 Ir-rikorrenti tqis li s-suġġett tat-tilwima huwa identifikat b'mod ċar u jikkonsisti fil-kontestazzjoni tal-legalità tad-Deċiżjoni kkontestata inkwantu din tapprova l-proposta għal PSPAK Spanjol. Hija tqis li l-miżura kontenzjuża tagħmel parti mill-imsemmija deċiżjoni u li l-PSPAK Spanjol ma huwiex miżura awtonoma u distinta minn din id-deċiżjoni. F'dan ir-rigward, hija tirreferi għall-kompetenzi tal-Kummissjoni taħt l-Artikolu 118 tar-Regolament 2021/2115.

42 Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 21 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, applikabbli għall-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali konformement mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 53 tal-istess statut u skont l-Artikolu 76(d) u (e) tar-Regoli tal-Proċedura, kull rikors għandu jindika s-suġġett tat-tilwima, il-motivi u l-argumenti invokati u jkun fih espożizzjoni fil-qosor tal-imsemmija motivi u t-talbiet tar-rikorrent.

43 Dawn l-elementi għandhom ikunu biżżejjed ċari u preċiżi sabiex jippermettu lill-konvenut jipprepara d-difiża tiegħu u lill-Qorti Ġenerali tiddeċiedi dwar ir-rikors, jekk ikun il-każ mingħajr informazzjoni oħra. Sabiex tiġi ggarantita ċ-ċertezza legali u amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, huwa neċessarju, sabiex rikors ikun ammissibbli, li l-elementi essenzjali ta' fatt u ta' dritt li fuqhom dan huwa bbażat jirriżultaw, għall-inqas fil-qosor iżda b'mod koerenti u li jinftiehem, mit-test tar-rikors stess (ara s-sentenza tal-4 ta' Lulju 2019, L-Italja vs Il-Kummissjoni, T-598/17, mhux ippubblikata, EU:T:2019:482, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata, u d-digriet tad-9 ta' Lulju 2019, Scaloni u Figini vs Il-Kummissjoni, T-158/18, mhux ippubblikat, EU:T:2019:491, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata).

44 Fir-rigward b'mod iktar partikolari tat-talbiet tal-partijiet, għandu jitfakkar li dawn tal-aħħar jiddefinixxu s-suġġett tat-tilwima mressqa quddiem il-qrati tal-Unjoni u li, konsegwentement, dawn it-talbiet għandhom jiġu fformulati b'mod mhux ekwivoku sabiex jiġi evitat li l-qorti tal-Unjoni tiddeċiedi *ultra petita*. (ara s-sentenza tal-14 ta' Settembru 2017, Università del Salento vs Il-Kummissjoni, T-393/15, mhux ippubblikata, EU:T:2017:604, punt 75 u l-ġurisprudenza ċċitata, u d-digriet tad-19 ta' Novembru 2020, Comune di Stintino vs Il-Kummissjoni, T-174/20, mhux ippubblikat, EU:T:2020:551, punt 45). B'mod partikolari, fil-każ ta' rikors għal annullament, huwa neċessarju li l-att li l-annullament tiegħu ikun qiegħed jiġi mitlub ikun identifikat b'mod ċar (ara, f'dan is-sens, id-digriet tas-6 ta' Novembru 2018, Chioreanu vs ERCEA, T-717/17, EU:T:2018:765, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata).

45 F'dan il-każ, huwa minnu li, fir-rikors, ir-rikorrenti titlob, minn naħa, l-annullament parzjali tad-Deċiżjoni kkontestata u, min-naħa l-oħra, il-konstatazzjoni tal-illegalità tal-miżura kontenzjuża. Madankollu, minn qari flimkien tar-rikors jirriżulta li, permezz tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti titlob l-annullament tal-imsemmija deċiżjoni sa fejn tapprova din il-miżura bi ksur tad-dritt tal-Unjoni.

46 Barra minn hekk, huwa wkoll b'dan il-mod li l-Kummissjoni fehmet it-talbiet tar-rikorrenti fl-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà. Fil-fatt, għalkemm hija tilmenta li r-rikorrenti għamlet konfużjoni bejn id-Deċiżjoni kkontestata u l-PSPAK Spanjol li fir-realtà huma żewġ atti distinti, xorta jibqa' l-fatt li din hija kwistjoni li tirrigwarda l-imputabbiltà tal-ilmenti invokati mir-rikorrenti lill-Kummissjoni u mhux iċ-ċarezza jew il-preċiżjoni tar-rikors. Issa, din il-kwistjoni tal-imputabbiltà taqa' taħt il-motiv ta' inammissibbiltà bbażat fuq in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti Ġenerali sabiex tistħarreġ il-miżura kontenzjuża (ara l-punt 14 iktar 'il fuq).

47 Fir-rigward tal-motivi u tal-punti essenzjali ta' fatt u ta' liġi li fuqhom huwa bbażat ir-rikors għal annullament, dawn jirriżultaw b'mod suffiċjentement ċar mir-rikors. Dan tal-aħħar jinkludi erba' motivi, ibbażati, l-ewwel wieħed, fuq ksur tal-Artikolu 17 tar-Regolament 2021/2115, it-tieni wieħed, fuq l-assenza ta' evalwazzjoni tal-effett tal-miżura kontenzjuża fir-rigward tal-kompatibbiltà tagħha mal-għanijiet tal-PAK, it-tielet wieħed, fuq distorsjoni tas-suq intern għad-detriment tal-bdiewa Spanjoli li għandha bħala konsegwenza l-frammentazzjoni tal-PAK u, ir-raba' wieħed, fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità. Barra minn hekk, ir-rikorrenti ssemmi s-sentenzi tal-Qorti Ġenerali u tal-Qorti tal-Ġustizzja li hija torbot mal-fatti tal-każ.

48 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li r-rikors ma huwiex inammissibbli minħabba ksur tar-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 21 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u fl-Artikolu 76(d) u (e) tar-Regoli tal-Proċedura.

49 Għaldaqstant, l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà bbażata fuq in-nuqqas ta' osservanza tar-rekwiżiti formali tar-rikors għandha tiġi miċħuda.

***Fuq il-ġurisdizzjoni tal-Qorti Ġenerali sabiex tistħarreġ il-miżura kontenzjuża u l-imputabbiltà tal-ilmenti invokati lill-Kummissjoni***

50 Il-Kummissjoni ssostni li r-rikors huwa inammissibbli inkwantu s-suġġett veru tat-tilwima huwa l-istħarriġ tal-legalità tal-PSPAK Spanjol li huwa att ġuridiku adottat minn Stat Membru li l-istħarriġ tiegħu ma jaqax taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti Ġenerali. Għalhekk, il-Qorti Ġenerali ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar il-legalità tal-miżura kontenzjuża. Il-Kummissjoni ssostni li l-approvazzjoni tagħha tal-imsemmi PSPAK kollu ma għandha l-ebda effett fuq l-awtur u n-natura ta' dan it-test, peress li dan jibqa' att adottat mill-awtoritajiet Spanjoli. Il-PSPAK huma miżuri nazzjonali li jipproduċu effetti legali fl-ordinament ġuridiku tal-Istat Membru kkonċernat u mhux atti tal-istituzzjonijiet, tal-korpi jew tal-organi tal-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE. Huma l-qrati nazzjonali li għandhom jistħarrġu l-legalità tal-PSPAK u tal-miżuri tagħhom fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari tar-Regolament 2021/2115, u jekk ikun il-każ, iressqu talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, skont l-Artikolu 267 TFUE.

51 Ir-rikorrenti tqis li l-Qorti Ġenerali għandha ġurisdizzjoni sabiex tistħarreġ il-legalità tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni, inklużi dawk li japprovaw il-proposti għal PSPAK. Fil-fehma tagħha, il-PSPAK Spanjol u d-Deċiżjoni kkontestata jifformaw att wieħed li jaqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Kummissjoni sa fejn ir-Renju ta' Spanja kkollabora biss fit-tfassil tiegħu. Barra minn hekk, l-approvazzjoni tal-proposti għal PSPAK tikkostitwixxi proċedura rregolata mid-dritt tal-Unjoni li l-uniku att tagħha li jista' jiġi kkontestat huwa d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprovahom. Id-distinzjoni mwettqa mill-Kummissjoni bejn id-Deċiżjoni kkontestata u l-PSPAK Spanjol twassal sabiex tneħħi s-sustanza tal-eżami magħmul mill-Kummissjoni u sabiex tneħħi l-PSPAK minn kull stħarriġ ġudizzjarju, fatt li jmur kontra d-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv. Barra minn hekk, il-PSPAK Spanjol lanqas ma jista' jiġi kkontestat quddiem il-qrati Spanjoli sa fejn dan huwa att preparatorju mwettaq fil-kuntest ta' proċedura tad-dritt tal-Unjoni.

52 F'dan il-każ, it-talbiet għal annullament huma formalment diretti kontra d-Deċiżjoni kkontestata li hija deċiżjoni ta' implimentazzjoni. Tali deċiżjoni tal-Kummissjoni tagħmel parti mill-atti li l-istħarriġ tal-legalità tagħhom jaqa', skont l-Artikolu 263 TFUE, taħt il-ġurisdizzjoni tal-qorti tal-Unjoni, f'dan il-każ il-Qorti Ġenerali. Barra minn hekk, dan ma huwiex ikkontestat mill-Kummissjoni.

53 L-argument tal-Kummissjoni, sabiex tikkontesta l-ġurisdizzjoni tal-Qorti Ġenerali f'dan il-każ, jikkonsisti f'li ssostni li l-miżura kontenzjuża taqa' taħt il-PSPAK Spanjol u mhux taħt id-Deċiżjoni kkontestata u għalhekk ma hijiex imputabbli lilha. L-approvazzjoni tal-proposta għal PSPAK Spanjol permezz tal-imsemmija deċiżjoni ma biddlitx in-natura ta' dan l-att li jibqa' miżura nazzjonali li l-istħarriġ tal-legalità tagħha jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni esklużiva tal-qorti nazzjonali.

54 Għandu jitfakkar li l-argument tal-Kummissjoni huwa bbażat fuq elementi bbażati, minn naħa, fuq l-imputabbiltà tal-ilmenti ppreżentati mir-rikorrenti lill-Kummissjoni, fatt li jikkostitwixxi kwistjoni dwar l-ammissibbiltà tar-rikors u, min-naħa l-oħra, fuq il-ġurisdizzjoni tal-Qorti Ġenerali sabiex teżamina dawn l-ilmenti u, konsegwentement, il-miżura kontenzjuża.

55 F'dan il-każ, għandu jiġi rrilevat li t-tfassil u l-approvazzjoni tal-proposta għal PSPAK Spanjol involvew lill-awtoritajiet Spanjoli u lill-Kummissjoni. Għaldaqstant, għandu jiġi eżaminat min, bejn il-qorti tal-Unjoni u l-qorti nazzjonali, għandu ġurisdizzjoni f'tali proċedura sabiex jiddeċiedi dwar il-legalità, fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni, tal-miżura kontenzjuża.

56 F'dan ir-rigward, hemm lok, qabel kollox, li jitfakkar li l-involviment eventwali tal-awtoritajiet nazzjonali matul proċedura li tkun twassal għall-adozzjoni tal-atti adottati mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni ma jistax iqiegħed inkwistjoni l-klassifikazzjoni tagħhom bħala atti tal-Unjoni, meta l-atti adottati mill-awtoritajiet nazzjonali jkunu stadju fi proċedura li fiha istituzzjoni tal-Unjoni teżerċita, waħedha, is-setgħa deċiżjonali finali mingħajr ma tkun marbuta mill-atti preparatorji jew mill-proposti mogħtija mill-awtoritajiet nazzjonali (sentenza tad-19 ta' Diċembru 2018, Berlusconi u Fininvest, C-219/17, EU:C:2018:1023, punt 43).

57 Fil-fatt, f'każ bħal dan, fejn id-dritt tal-Unjoni ma huwiex intiż li jistabbilixxi qsim bejn żewġ setgħat, waħda nazzjonali u l-oħra tal-Unjoni, li għandhom għanijiet distinti, iżda jistabbilixxi, għall-kuntrarju, is-setgħa deċiżjonali esklużiva ta' istituzzjoni tal-Unjoni, hija l-qorti tal-Unjoni, abbażi tal-ġurisdizzjoni esklużiva tagħha li tistħarreġ il-legalità tal-atti tal-Unjoni abbażi tal-Artikolu 263 TFUE, li għandha tiddeċiedi dwar il-legalità tad-deċiżjoni finali adottata mill-istituzzjoni tal-Unjoni inkwistjoni u li għandha teżamina, sabiex tiġi żgurata protezzjoni ġudizzjarja effettiva tal-partijiet ikkonċernati, id-difetti eventwali li jivvizzjaw l-atti preparatorji jew il-proposti maħruġa mill-awtoritajiet nazzjonali li huma ta' natura li jaffettwaw il-validità ta' din id-deċiżjoni finali (sentenza tad-19 ta' Diċembru 2018, Berlusconi u Fininvest, C-219/17, EU:C:2018:1023, punt 44).

58 Dan espost, att ta' awtorità nazzjonali li jagħmel parti minn proċess deċiżjonali tal-Unjoni ma jaqax taħt il-ġurisdizzjoni esklużiva tal-qorti tal-Unjoni meta mill-qsim tas-setgħat imwettaq fil-qasam ikkunsidrat bejn l-awtoritajiet nazzjonali u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jkun jirriżulta li l-att adottat mill-awtorità nazzjonali huwa stadju neċessarju fi proċedura għall-adozzjoni ta' att tal-Unjoni li fih l-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom biss marġni ta' evalwazzjoni limitata jew ineżistenti, b'tali mod li l-att nazzjonali jorbot lill-istituzzjoni tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-3 ta' Diċembru 1992, Oleificio Borelli vs Il-Kummissjoni, C-97/91, EU:C:1992:491, punti 9 u 10).

59 Huma għaldaqstant il-qrati nazzjonali li għandhom jiddeċiedu fuq irregolaritajiet li bih tali att nazzjonali jkun possibbilment ivvizzjat bihom, billi jekk ikun il-każ jadixxu lill-Qorti tal-Ġustizzja b'talba għal deċiżjoni preliminari, taħt l-istess kundizzjonijiet ta' stħarriġ bħal dawk applikabbli għal kull att definittiv li, adottat mill-istess awtorità nazzjonali, ikun jista' jippreġudika lil terzi, u li għandhom iqisu barra minn hekk, f'isem il-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva, ir-rikors ippreżentat għal dan il-għan bħala ammissibbli anki meta r-regoli tal-proċedura nazzjonali ma jkunux jipprevedu dan (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-3 ta' Diċembru 1992, Oleificio Borelli vs Il-Kummissjoni, C-97/91, EU:C:1992:491, punti 11 sa 13; tas-6 ta' Diċembru 2001, Carl Kühne *et*, C-269/99, EU:C:2001:659, punt 58, u tat-2 ta' Lulju 2009, Bavaria u Bavaria Italia, C-343/07, EU:C:2009:415, punt 57).

60 Għandu jitfakkar ukoll li l-approvazzjoni ta' miżura nazzjonali mill-Kummissjoni bl-ebda mod ma għandha l-effett li tagħtiha n-natura ta' att tad-dritt tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-19 ta' Settembru 2002 Huber, C-336/00, EU:C:2002:509, punt 40, u tal-4 ta' Ġunju 2009, JK Otsa Talu, C-241/07, EU:C:2009:337, punt 37).

61 Huwa fid-dawl ta’ dawn il-kunsiderazzjonijiet li għandha tiġi eżaminata l-proċedura li wasslet għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni kkontestata sabiex tiġi ddeterminata l-qorti li għandha ġurisdizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni ta’ din it-tilwima li tirrigwarda l-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni tal-miżura kontenzjuża prevista fil-proposta għal PSPAK Spanjol kif approvata bid-Deċiżjoni kkontestata.

*Fuq it-tfassil u l-approvazzjoni tal-PSPAK Spanjol*

62 Id-Deċiżjoni kkontestata hija l-att li permezz tiegħu l-Kummissjoni approvat il-proposta għal PSPAK Spanjol skont il-proċedura prevista fl-Artikolu 118 tar-Regolament 2021/2115.

63 Fl-ewwel lok, għandhom jiġu analizzati r-rwoli rispettivi tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-PAK, hekk kif iddefiniti mir-Regolament 2021/2115.

64 F’dan ir-rigward, għandu qabel kollox jitfakkar li, skont l-Artikolu 4(2) TFUE, il-kompetenzi kondiviżi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri japplikaw, b’mod partikolari, fil-qasam tal-agrikoltura.

65 Ir-riforma tal-kuntest ġuridiku tal-PAK twettqet permezz tar-Regolament 2021/2115. Hekk kif tfakkar il-premessa 36 ta’ dan tal-aħħar, ġie deċiż li jiġi previst regolament uniku.

66 Skont l-Artikolu 1(2) tar-Regolament 2021/2115, dan għandu japplika għall-għajnuna tal-Unjoni ffinanzjata mill-Fond Agrikolu Ewropew ta’ Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) għall-interventi msemmija f’PSPAK imfassal minn Stat Membru u approvat mill-Kummissjoni, li jirrigwarda l-perijodu mill-1 ta’ Jannar 2023 sal-31 ta’ Diċembru 2027. Mill-premessa 36 ta’ dan ir-regolament jirriżulta li dan tal-aħħar jissostitwixxi d-dispożizzjonijiet li jinsabu fir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 (ĠU 2013, L 347, p. 487, rettifika fil-ĠU 2016, L 130, p. 1), u fir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta’ appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009(ĠU 2013, L 347, p. 608 u rettifika fil-ĠU 2016, L 130, p. 7).

67 Sussegwentement, fir-rigward tal-metodu ta’ ġestjoni tal-PAK li jirriżulta minn din ir-riforma, skont il-premessa 3 tar-Regolament 2021/2115, l-approċċ il-ġdid segwit huwa bbażat fuq l-idea li l-Unjoni għandha tistabbilixxi l-parametri essenzjali tal-politika, filwaqt li l-Istati Membri għandhom jassumu sehem ikbar ta’ responsabbiltà fil-mod li bih huma jwettqu dawn l-għanijiet u jilħqu l-valuri mmirati. Għalhekk, sussidjarjetà ikbar tippermetti li jitqiesu aħjar il-kundizzjonijiet u l-ħtiġijiet lokali kif ukoll in-natura partikolari tal-attività agrikola.

68 Barra minn hekk, mill-premessa 27 tar-Regolament 2021/2115 jirriżulta li l-qsim tal-kompetenzi fi ħdan dan il-mudell ġdid ta’ implimentazzjoni tal-PAK jipprevedi li l-għanijiet, it-tipi ta’ intervent u r-rekwiżiti komuni għandhom jiġu stabbiliti fil-livell tal-Unjoni sabiex tiġi ggarantita n-natura komuni tal-PAK filwaqt li l-Istati Membri jitħallew jieħdu ħsieb jittraduċuhom f’modalitajiet ta’ għajnuna applikabbli għall-benefiċjarji.

69 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-metodu ta’ implimentazzjoni tal-baġit tal-PAK, l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta’ Diċembru 2021 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar

ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 (ĠU 2021, L 435, p. 187, rettifika fil-ĠU 2022, L 29, p. 45), jipprevedi li l-FAEG għandu jiġi implimentat jew b'ġestjoni kondiviża bejn l-Istati Membri u l-Unjoni jew b'ġestjoni diretta. L-Artikolu 6 tal-istess regolament jipprovdi li l-FAEŻR għandu jiġi implimentat b'ġestjoni kondiviża bejn l-Istati Membri u l-Unjoni.

70 Għaldaqstant, mid-dispożizzjonijiet imsemmija fil-punti 67 sa 69 iktar 'il fuq jirriżulta li l-metodu l-ġdid ta' ġestjoni tal-PAK stabbilit mil-leġiżlatur tal-Unjoni huwa bbażat fuq sistema ta' kollaborazzjoni li tħalli lill-Istati Membri marġni ta' manuvra sabiex jadattaw l-interventi għan-neċessitajiet u għall-bżonnijiet speċifiċi tal-agrikoltura nazzjonali tagħhom filwaqt li tipprevedi kontroll mill-Unjoni sabiex tiġi żgurata l-kompatibbiltà tagħhom mal-PAK.

71 Fit-tieni lok, għandhom jiġu eżaminati r-regoli applikabbli għall-PSPAK li jirriflettu l-għanijiet ta' din is-sistema l-ġdida ta' ġestjoni.

72 Fir-rigward tat-tfassil tal-PSPAK, l-ewwel nett, mill-Artikolu 104(1) tar-Regolament 2021/2115 jirriżulta li l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu PSPAK sabiex jimplimentaw l-għajnuna tal-Unjoni ffinanzjata mill-FAEG u mill-FAEŻR.

73 F'dan ir-rigward, l-Artikoli 5 u 6 tar-Regolament 2021/2115 jistabbilixxu l-għanijiet tal-Unjoni u l-Artikolu 7 jistabbilixxi l-indikaturi li għandhom jintużaw sabiex jiġi evalwat it-twettiq tagħhom. Barra minn hekk, l-Artikolu 9 jipprevedi b'mod partikolari li l-Istati Membri għandhom ifasslu l-interventi tal-PSPAK tagħhom b'osservanza tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta") u tal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni. Barra minn hekk, l-Artikoli 8 sa 84 jiddeterminaw it-tipi ta' intervent kif ukoll ir-rekwiżiti komuni li għandhom jiġu applikati mill-Istati Membri sabiex tiġi ggarantita n-natura komuni tal-PAK.

74 It-tieni nett, l-Artikolu 106(1) tar-Regolament 2021/2115 jippreċiża li l-Istati Membri għandhom ifasslu l-PSPAK konformement mal-kuntest istituzzjonali u ġuridiku tagħhom.

75 It-tielet nett, l-Artikoli 107 sa 115 tar-Regolament 2021/2115 jistabbilixxu rekwiżiti fil-qasam tal-kontenut u tal-preżentazzjoni tal-PSPAK. Dawn huma dokumenti ta' gwida dwar l-istrateġija adottata minn kull Stat Membru għall-implimentazzjoni tal-PAK.

76 Fir-rigward tal-approvazzjoni tal-PSPAK mill-Kummissjoni, il-premessa 110 tar-Regolament 2021/2115 tippreċiża li din tikkostitwixxi stadju primordjali sabiex jiġi żgurat li l-PAK tiġi implimentata konformement mal-għanijiet komuni.

77 Għal dan l-għan, l-Artikolu 118 tar-Regolament 2021/2115 jorganizza l-proċedura ta' evalwazzjoni u ta' approvazzjoni ta' kull PSPAK propost. L-Artikolu 118(1) jipprevedi li kull Stat Membru għandu jissottometti lill-Kummissjoni proposta għal PSPAK.

78 Sussegwentement, l-Artikolu 118(2) tar-Regolament 2021/2115 jipprovdi li l-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni tal-PSPAK sottomess lilha fir-rigward tal-kompletezza tiegħu, tal-koerenza tiegħu, tal-kompatibbiltà tiegħu mal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, mal-imsemmi regolament u mal-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati b'applikazzjoni tiegħu u mar-Regolament (UE) 2021/2116, tal-kontribut effettiv tiegħu għall-kisba tal-għanijiet speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 6(1) u (2) tar-Regolament 2021/2115, tal-effetti tiegħu fuq il-funzjonament tajjeb tas-suq intern u d-distorsjoni tal-kompetizzjoni u fuq il-livell ta' piż amministrattiv impost fuq il-benefiċjarji u l-amministrazzjoni.

79 L-Artikolu 118(3) tar-Regolament 2021/2115 jippermetti lill-Kummissjoni tifformula osservazzjonijiet fil-każ fejn l-evalwazzjoni tal-PSPAK propost tkun uriet problemi. Min-naħa tiegħu, l-Istat Membru għandu jipprovdilha l-informazzjoni addizzjonali kollha meħtieġa u, fejn xieraq, jirrevedi l-proposta tiegħu.

80 L-Artikolu 118(4) tar-Regolament 2021/2115 jistabbilixxi l-kriterji għall-approvazzjoni tal-PSPAK, jiġifieri, l-ewwel nett, l-informazzjoni meħtieġa prevista fl-Artikolu 118(3) tal-istess regolament għandha tkun ġiet ikkomunikata lill-Kummissjoni u, it-tieni nett, il-pjan għandu jkun kompatibbli mal-Artikolu 9 u mar-rekwiżiti l-oħra stabbiliti fl-imsemmi regolament u fir-Regolament 2021/2116, kif ukoll mal-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati b'applikazzjoni ta' dawn l-atti.

81 Konformement mal-Artikolu 118(5) u (6) tar-Regolament 2021/2115, l-approvazzjoni ta' kull PSPAK għandha ssir permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni mhux iktar tard minn sitt xhur wara s-sottomissjoni tiegħu mill-Istat Membru kkonċernat.

82 Barra minn hekk, l-Artikolu 118(7) tar-Regolament 2021/2115 jissuġġetta l-produzzjoni ta' effetti ġuridiċi mill-PSPAK għall-approvazzjoni tal-PSAK mill-Kummissjoni.

83 Fl-aħħar nett, ir-Regolament 2021/2115 jipprevedi fl-Artikoli 119 u 120 tiegħu, żewġ proċeduri analogi għal dik prevista fl-Artikolu 118 tiegħu fil-każ ta' emenda jew ta' reviżjoni tal-PSPAK.

84 Mid-dispożizzjonijiet kollha msemmija fil-punti 72 sa 83 iktar 'il fuq jirriżulta, l-ewwel nett, li l-Kummissjoni ma tistax direttament temenda proposta għal PSPAK imfassla minn Stat Membru, it-tieni nett, li hija teżerċita kontroll tal-konformità tal-proposta ma' ċerti regoli tad-dritt tal-Unjoni, it-tielet nett, li hija tista' tippreżenta osservazzjonijiet li permezz tagħhom hija tissuġġetta l-approvazzjoni għall-fatt li l-PSPAK jiġi emendat mill-Istat Membru, ir-raba' nett, li hija għandha tirrifjuta l-approvazzjoni ta' PSPAK propost biss jekk dan tal-aħħar ma jkunx jissodisfa rekwiżiti elenkati b'mod eżawrjenti misluta mid-dritt tal-Unjoni u, il-ħames nett, li PSPAK ma jipproduċix effetti ġuridiċi qabel l-approvazzjoni tiegħu mill-Kummissjoni.

85 B'hekk, il-Kummissjoni għandha tabilħaqq setgħa deċiżjonali proprja fil-kuntest tal-proċedura ta' approvazzjoni tal-PSPAK li l-eżerċizzju tagħha neċessarjament jinvolvi l-eżami tal-kontenut tal-imsemmi pjan.

86 Madankollu, id-deċiżjoni ta' approvazzjoni ta' PSPAK mill-Kummissjoni għandha tiġi distinta mill-proposta għal PSPAK sottomessa minn Stat Membru, li tibqa' att nazzjonali li fil-kuntest tiegħu dan tal-aħħar jeżerċita l-kompetenza tiegħu, b'mod partikolari, fl-għażla tal-interventi li għandhom jiġu inklużi f'din il-proposta. Ir-rabta bejn dawn iż-żewġ atti hija stabbilita mill-mekkaniżmu previst fl-Artikolu 118 tar-Regolament 2021/2115.

*Fuq il-konsegwenzi li għandhom jinstiltu mill-kuntest ġuridiku f'din il-kawża*

87 Fid-dawl tal-kompetenzi distinti tal-Kummissjoni u tal-awtoritajiet nazzjonali, il-PSPAK Spanjol hekk kif approvat mill-Kummissjoni ma jikkostitwixxix att preparatorju tad-Deċiżjoni kkontestata jew li b'xi mod ieħor jagħmel parti minn din tal-aħħar fis-sens tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 56 u 57 iktar 'il fuq. Fil-fatt, ir-Regolament 2021/2115 stabbilixxa sistema ta' qsim tal-kompetenzi bejn l-Istat Membru u l-Kummissjoni.

88 Bl-istess mod, mill-proċedura ta' approvazzjoni tal-PSPAK prevista fl-Artikolu 118 tar-Regolament 2021/2115 jirriżulta li, minkejja li l-att adottat mill-awtorità nazzjonali huwa stadju neċessarju fil-kuntest ta' proċedura li twassal għall-adozzjoni ta' att tal-Unjoni, il-Kummissjoni ma hijiex marbuta bl-att nazzjonali, fis-sens tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 58 u 59 iktar 'il fuq.

89 Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali għandha ġurisdizzjoni sabiex tistħarreġ il-legalità tad-deċiżjoni ta' approvazzjoni ta' PSPAK inkwantu att tal-Unjoni skont l-Artikolu 263 TFUE anki jekk dan l-istħarriġ jimplika neċessarjament l-eżami, b'mod partikolari, tal-kompatibbiltà tal-kontenut tal-PSPAK propost, li jibqa' att nazzjonali, mad-dritt tal-Unjoni, skont l-Artikolu 118(4) tar-Regolament 2021/2115.

90 Issa, fir-rikors, ir-rikorrenti tinvoka l-illegalità tad-Deċiżjoni kkontestata minħabba li l-Kummissjoni approvat il-PSPAK Spanjol filwaqt li dan tal-aħħar jikser diversi dispożizzjonijiet legali tal-Unjoni, fosthom b'mod partikolari dispożizzjonijiet tar-Regolament 2021/2115 u prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, kif ukoll il-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar l-evalwazzjoni ambjentali.

91 Għandu jiġi rrilevat li, kuntrarjament għal-leġiżlazzjoni nazzjonali, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament 2021/2115 u l-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni jagħmlu parti mir-regoli li l-osservanza tagħhom mill-PSPAK proposti hija kkontrollata mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-proċedura ta' approvazzjoni prevista fl-Artikolu 118(4) tar-Regolament 2021/2115 (ara l-punt 47 iktar 'il fuq).

92 Minn dan jirriżulta li, fil-kuntest tal-istħarriġ tal-legalità tad-Deċiżjoni kkontestata, jista' jiġi vverifikat jekk, hekk kif issostni r-rikorrenti, il-Kummissjoni kellhiex tapprova l-PSPAK Spanjol propost minħabba li dan tal-aħħar ma jissodisfax il-kundizzjonijiet kollha previsti fl-Artikolu 118(4) tar-Regolament 2021/2115.

93 Konsegwentement, l-argument ta' inammissibbiltà mqajjem fl-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà, fis-sens li l-irregolaritajiet invokati kontra d-Deċiżjoni kkontestata huma imputabbli biss lill-PSPAC Spanjol, jiġifieri lill-awtoritajiet Spanjoli, għandu jiġi miċħud fir-rigward tal-irregolaritajiet li l-eżami tagħhom jaqa' taħt il-kuntest tal-kontroll ta' kompatibbiltà previst fl-Artikolu 118(4) tar-Regolament 2021/2115, hekk kif imfakkar fil-punt 91 iktar 'il fuq. Għalhekk, ir-rikors ma għandux jiġi miċħud abbażi ta' dan l-argument ta' inammissibbiltà, minkejja li l-argumenti bbażati fuq in-nuqqas ta' osservanza tal-leġiżlazzjoni nazzjonali għandhom jiġu miċħuda.

### *Fuq il-locus standi*

94 Il-Kummissjoni ssostni li r-rikors huwa inammissibbli, peress li r-rikorrenti ma għandhiex *locus standi*. Ir-rikorrenti la hija direttament u lanqas individwalment ikkonċernata mid-Deċiżjoni kkontestata, kuntrarjament għal dak li jeżiġi r-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, u mill-bqija huwa biss ir-Renju ta' Spanja li huwa d-destinatarju tad-Deċiżjoni kkontestata.

95 Ir-rikorrenti tqis li hija tissodisfa l-kundizzjonijiet relatati mal-inċidenza diretta u individwali.

96 Skont ir-raba’ paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, kull persuna fiżika jew ġuridika tista’ tippreżenta rikors kontra l-atti indirizzati lilha jew li jikkonċernawha direttament u individwalment kif ukoll kontra l-atti regolatorji li jikkonċernawha direttament u li ma jinvolvux miżuri ta’ implimentazzjoni.

97 F’dan il-każ, huwa r-Renju ta’ Spanja u mhux ir-rikorrenti li huwa d-destinatarju tad-Deċiżjoni kkontestata. F’dawn iċ-ċirkustanzi, l-ewwel każ sabiex persuna fiżika jew ġuridika jkollha *locus standi* skont ir-raba’ paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE għandu jiġi miċħud.

98 Għaldaqstant, għandu jiġi eżaminat jekk it-tieni jew it-tielet każ li fihom, skont ir-raba’ paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, il-*locus standi* huwa rrikonoxxut lil persuna fiżika jew ġuridika sabiex tippreżenta rikors kontra att li hija ma hijiex id-destinatarja tiegħu jistgħux jikkorrispondu għall-każ inkwistjoni. Skont it-tieni każ, rikors jista’ jiġi ppreżentat bil-kundizzjoni li dan l-att ikun jikkonċerna direttament u individwalment lill-persuna fiżika jew ġuridika li tippreżenta rikors. Skont it-tielet każ, tali persuna tista’ tippreżenta rikors kontra att regolatorju li ma jkunx jinvolvi miżuri ta’ implimentazzjoni jekk dan ikun jikkonċernaha direttament (sentenzi tad-19 ta’ Diċembru 2013, Telefónica vs Il-Kummissjoni, C-274/12 P, EU:C:2013:852, punt 19; tas-27 ta’ Frar 2014, Stichting Woonpunt *et* vs Il-Kummissjoni, C-132/12 P, EU:C:2014:100, punt 44; u tas-27 ta’ Frar 2014, Stichting Woonlinie *et* vs Il-Kummissjoni, C-133/12 P, EU:C:2014:105, punt 31).

99 F’dan il-każ, il-Qorti Ġenerali tqis li huwa xieraq li teżamina t-tielet każ qabel ma tanalizza, jekk ikun hemm lok, it-tieni wieħed.

*Fuq l-eżistenza ta’ att regolatorju li ma jinvolvix miżuri ta’ implimentazzjoni*

100 Il-Kummissjoni tqis li d-Deċiżjoni kkontestata, anki fl-ipoteżi fejn din tkun tista’ tiġi kklassifikata bħala att regolatorju, teħtieġ miżuri ta’ implimentazzjoni minn naħa tal-awtoritajiet Spanjoli li jkunu jikkonsistu fl-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni neċessarja għall-implimentazzjoni tal-PSPAK li minnu tagħmel parti l-miżura kontenzjuża.

101 Ir-rikorrenti tikkontesta l-fatt li, li kieku d-Deċiżjoni kkontestata kellha titqies bħala att regolatorju, din tkun tinvolvi miżuri ta’ implimentazzjoni fis-sens tal-aħħar frażi tar-raba’ paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

102 Indipendentement min-natura ta’ att regolatorju tad-Deċiżjoni kkontestata, huwa biżżejjed f’dan il-każ li jiġi eżaminat jekk din tinvolvix miżuri ta’ implimentazzjoni.

103 Hekk kif diġà ddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex jiġi evalwat jekk att regolatorju jinvolvix miżuri ta’ implimentazzjoni, għandu jsir riferiment għall-pożizzjoni tal-persuna li tinvoka d-dritt għal azzjoni legali skont l-aħħar frażi tar-raba’ paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. Għalhekk huwa irrilevanti jekk l-att inkwistjoni jinvolvix miżuri ta’ implimentazzjoni fir-rigward ta’ partijiet oħra fil-kawża (ara s-sentenza tat-13 ta’ Marzu 2018, European Union Copper Task Force vs Il-Kummissjoni, C-384/16 P, EU:C:2018:176, punt 38 u l-ġurisprudenza ċċitata).

104 Barra minn hekk, huwa irrilevanti, f’dan ir-rigward, jekk l-imsemmija miżuri humiex ta’ natura mekkanika jew le (ara s-sentenza tat-13 ta’ Marzu 2018, European Union Copper Task Force vs Il-Kummissjoni, C-384/16 P, EU:C:2018:176, punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata).

105 Konformement mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 9 tar-Regolament 2021/2115, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-kuntest ġuridiku li jirregola l-għoti tal-għajnuna tal-Unjoni lill-bdiewa u lill-benefiċjarji l-oħra konformement mal-PSPAK approvati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 118 tal-istess regolament. Huma għandhom jimplimentaw dawn il-PSPAK hekk kif ikunu ġew approvati mill-Kummissjoni.

106 Għalhekk, il-PSPAK jikkostitwixxi dokument li abbażi tiegħu kull Stat Membru jimplimenta l-PAK għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2027.

107 F'dan il-kuntest, l-implimentazzjoni tal-miżura kontenzjuża, li tista' tipproduċi effetti ġuridiċi fuq l-attività ekonomika tar-rikorrenti, teħtieġ miżuri nazzjonali ta' implimentazzjoni. Barra minn hekk, l-eżistenza ta' tali miżuri ta' implimentazzjoni hija kkonfermata mill-abbozz tar-Real Decreto sobre la aplicación, mill-2023 'il quddiem, de las intervenciones en forma ta' pagos directos y el establecimiento de requisitos comunes en el marco del Plan Estratico de la Política Agrícola Común, y la regulación de la Solicitud única del sistema integrado de gestión y control (id-Digriet Irjali dwar l-Implimentazzjoni, mill-2023 'il quddiem, tal-Interventi fil-Forma ta' Ħlasijiet Diretti u l-Istabbiliment ta' Rekwiżiti Komuni fil-Kuntest tal-PSPAK, u dwar il-Qafas tat-Talba Unika għas-Sistema Integrata ta' Ġestjoni u ta' Kontroll), ippreparat mir-Renju ta' Spanja sabiex jiġi implimentat il-PSPAK Spanjol u prodott mir-rikorrenti bħala anness mal-osservazzjonijiet tagħha dwar l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà.

108 Għalhekk, peress li d-Deċiżjoni kkontestata sempliċement tapprova l-PSPAK Spanjol li fih il-miżura kontenzjuża, u peress li huwa r-Renju ta' Spanja li għandu jimplimentaha u li għandu jimplimenta wkoll l-imsemmi PSPAK kollu kemm hu, din id-deċiżjoni tista' tipproduċi l-effetti ġuridiċi possibbli tagħha fir-rigward tar-rikorrenti biss permezz ta' miżuri nazzjonali ta' implimentazzjoni.

109 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li d-Deċiżjoni kkontestata tinvolvi miżuri ta' implimentazzjoni fir-rigward tar-rikorrenti, fis-sens tal-aħħar sentenza tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

110 Għaldaqstant, ir-rikorrenti ma tistax tibbaża ruħha fuq it-tielet każ previst fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE sabiex tikkontesta d-Deċiżjoni kkontestata.

111 Sussegwentement, għandu jiġi eżaminat jekk il-*locus standi* tar-rikorrenti jistax ikun ibbażat fuq it-tieni każ imsemmi fil-punt 98 iktar 'il fuq, li jeżiġi li d-Deċiżjoni kkontestata tikkonċerna direttament u individwalment lir-rikorrenti. Għal dan l-għan, qabel kollox għandha tiġi eżaminata t-tieni waħda minn dawn iż-żewġ kundizzjonijiet.

*Fuq l-inċidenza individwali*

112 Skont ġurisprudenza stabbilita, persuna fiżika jew ġuridika għajr id-destinatarju ta' att tista' tisħaq li hija individwalment ikkonċernata, fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, biss jekk l-att inkwistjoni jkun jaffettwaha minħabba ċerti kwalitajiet li jkunu partikolari għaliha jew minħabba sitwazzjoni ta' fatt li tkun tikkaratterizzaha meta mqabbla ma' kull persuna oħra u, minħabba dan, tindividwalizzaha b'mod simili għal dak tad-destinatarju tal-att (sentenza tal-15 ta' Lulju 1963, Plaumann vs Il-Kummissjoni, 25/62, EU:C:1963:17, p. 223; ara, ukoll, is-sentenza tas-27 ta' Frar 2014, Stichting Woonlinie *et* vs Il-Kummissjoni, C-133/12 P, EU:C:2014:105, punt 44 u l-ġurisprudenza ċċitata).

113 Il-Kummissjoni tqis li għalkemm id-Deċiżjoni kkontestata tikkonċerna lir-rikorrenti, dan huwa biss fil-kwalità oġġettiva tagħha ta' bidwi bħal kull operatur ekonomiku ieħor li jkun jinsab attwalment jew potenzjalment f'sitwazzjoni identika. Barra minn hekk, fil-fehma tagħha, il-grupp l-iktar affettwat mid-Deċiżjoni kkontestata ma kienx identifikabbli fil-mument tal-adozzjoni tagħha fl-assenza ta' talbiet għal għajnuna bażika għad-dħul għal żvilupp sostenibbli mressqa abbażi tal-kuntest ġuridiku nazzjonali li jirregola l-għoti tagħha taħt il-PSPAK Spanjol.

114 Ir-rikorrenti ssostni li hija tissodisfa l-kundizzjoni ta' inċidenza individwali minħabba l-appartenenza tagħha għal ċirku ristrett ta' operaturi ekonomiċi li kien perfettament identifikabbli fil-mument tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni kkontestata minħabba, minn naħa, il-kwalità tagħha ta' impriża agrikola li tipprattika l-agrikoltura estensiva fuq numru kbir ta' ettari u, min-naħa l-oħra, il-kwalità tagħha ta' benefiċjarja ta' għajnuna bażika għad-dħul għal żvilupp sostenibbli li kienet tkun tammonta għal iktar minn EUR 200 000 li kieku l-miżura kontenzjuża ma kinitx teżisti. Għalhekk, mill-adozzjoni tad-Deċiżjoni kkontestata 'il quddiem, ir-rikorrenti ma tistax tibbenefika iktar minn din l-għajnuna għal ammont ogħla minn EUR 200 000.

115 F'dan ir-rigward, skont ġurisprudenza stabbilita, meta l-att ikun jaffettwa grupp ta' persuni li kienu identifikati jew li setgħu jiġu identifikati fil-mument li fih dan l-att ikun ġie adottat u fuq il-bażi ta' kriterji speċifiċi għall-membri tal-grupp, dawn il-persuni jistgħu jkunu individwalment ikkonċernati minn dan l-att sa fejn huma jagħmlu parti minn ċirku ristrett ta' operaturi ekonomiċi u dan jista' jkun il-każ, b'mod partikolari, meta l-att jemenda d-drittijiet miksuba mill-individwu preċedentement għall-adozzjoni tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Frar 2014, Stichting Woonlinie *et* vs Il-Kummissjoni, C-133/12 P, EU:C:2014:105, punt 46 u l-ġurisprudenza ċċitata).

116 Madankollu, il-possibbiltà li jiġu ddeterminati, b'mod ftit jew wisq preċiż, in-numru jew saħansitra l-identità tal-persuni li għalihom tapplika miżura bl-ebda mod ma timplika li dawn il-persuni għandhom jitqiesu li huma kkonċernati individwalment minn din il-miżura, sakemm din l-applikazzjoni sseħħ bis-saħħa ta' sitwazzjoni oġġettiva ta' dritt jew ta' fatt iddefinita mill-att inkwistjoni (sentenza tad-19 ta' Diċembru 2013, Telefónica vs Il-Kummissjoni, C-274/12 P, EU:C:2013:852, punt 47).

117 F'dan il-każ, ir-rikorrenti hija impriża agrikola li teżerċita attività li taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni kkontestata, sa fejn din tal-aħħar tikkonċerna lill-bdiewa u lil benefiċjarji potenzjali oħra ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Unjoni previsti mill-PSPAK Spanjol abbażi tar-Regolament 2021/2115.

118 Madankollu, is-sempliċi fatt li r-rikorrenti hija impriża agrikola benefiċjarja potenzjali ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Unjoni taħt il-PAK ma huwiex biżżejjed sabiex jindividwalizzaha u jikkaratterizzaha meta mqabbla ma' kull impriża agrikola oħra sa fejn il-limitu massimu previst mill-miżura kontenzjuża ma jindikax grupp ristrett ta' impriżi agrikoli iżda huwa indirizzat lil dawn tal-aħħar minħabba l-kwalità oġġettiva tagħhom ta' bdiewa bl-istess mod bħal kull operatur ekonomiku ieħor li jkun jinsab attwalment jew potenzjalment f'sitwazzjoni identika.

119 Bl-istess mod, is-sempliċi fatt li r-rikorrenti kienet eliġibbli li tirċievi ammont ta' għajnuna bażika għad-dħul għal żvilupp sostenibbli ogħla mil-limitu massimu stabbilit mill-miżura kontenzjuża ma jistax jindividwalizzaha sa fejn dan id-dritt li tirċievi l-għajnuna jingħata, b'applikazzjoni ta' regola ġenerali u astratta, lil numru kbir ta' operaturi ddeterminati oġġettivament.

120 Barra minn hekk, tali konstatazzjoni ma hijiex ikkontestata mill-argument tar-rikorrenti li skontu hija tqis li għandha dritt miksub li tirċievi għajnuna bażika għad-dħul għal żvilupp sostenibbli ta' ammont ogħla minn EUR 200 000 abbażi tal-iskema ta' konverżjoni, stabbilita mill-Artikolu 23 tar-Regolament 2021/2115, tad-dritt għall-ħlas bażiku li hija kienet tibbenefika minnu fil-kuntest tal-PAK 2015–2022.

121 Fil-fatt, għandu jiġi kkonstatat li, minn naħa, id-Deċiżjoni kkontestata ma tbiddilx id-drittijiet miksuba tar-rikorrenti li tirċievi għajnuna peress li din tistabbilixxi dritt ġdid għall-PAK għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2027. Il-fatt li l-PSPAK Spanjol għażel li jagħti l-għajnuna bażika għad-dħul għal żvilupp sostenibbli abbażi tal-metodu tad-drittijiet għall-ħlas li l-valur unitarju tiegħu huwa ddeterminat permezz ta' mekkaniżmu ta' konverġenza li jaġġusta l-valur tagħhom proporzjonalment ma' dak stabbilit mir-Regolament Nru 1307/2013 fil-kuntest tal-PAK 2015–2022 ma jippermettix li jitqies li r-rikorrenti għandha dritt miksub għal għajnuna bażika għad-dħul għal żvilupp sostenibbli hekk kif tirriżulta mir-Regolament 2021/2115. F'dan ir-rigward, il-mekkaniżmu propost mill-Artikoli 23 u 24 ta' dan l-aħħar regolament ma jagħtix id-dritt li wieħed jirċievi l-imsemmija għajnuna għal kull bidwi.

122 Min-naħa l-oħra, fid-data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni kkontestata, il-bdiewa, li fir-rigward tagħhom kellu jiġi applikat dan il-limitu massimu, bl-ebda mod ma kienu identifikabbli, peress li, fi kwalunkwe każ, l-applikazzjoni tal-miżura kontenzjuża kienet tippresupponi li l-bdiewa kkonċernati jressqu talba intiża sabiex jiksbu l-għajnuna bażika għad-dħul għal żvilupp sostenibbli abbażi tal-kuntest ġuridiku nazzjonali stabbilit mir-Renju ta' Spanja b'applikazzjoni tal-PSPAK tiegħu, konformement mal-Artikolu 9 tar-Regolament 2021/2115.

123 Għaldaqstant, ir-rikorrenti hija kkonċernata mid-Deċiżjoni kkontestata biss minħabba l-kwalità oġġettiva tagħha ta' impriża agrikola, bl-istess mod bħal kull operatur ekonomiku ieħor li jkun jinsab attwalment jew potenzjalment f'sitwazzjoni identika.

124 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li r-rikorrenti ma hijiex fondata ssostni li hija individwalment ikkonċernata mid-Deċiżjoni kkontestata.

125 Peress li l-kundizzjonijiet għall-inċidenza diretta u għall-inċidenza individwali permezz tal-att li tiegħu qiegħed jintalab l-annullament huma kumulattivi, minn dan isegwi li, mingħajr ma huwa neċessarju li jiġi eżaminat jekk ir-rikorrenti hijiex direttament affettwata mid-Deċiżjoni kkontestata, hija ma wrietx il-*locus standi* tagħha fir-rigward ta' din tal-aħħar.

126 Tali konklużjoni ma hijiex ikkontestata mill-argument tar-rikorrenti li d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, stabbilit b'mod partikolari fl-Artikolu 47 tal-Karta, jeżiġi li r-rikors kontra d-Deċiżjoni kkontestata quddiem il-Qorti Ġenerali jintlaqa'. Fil-fehma tagħha, il-legalità tal-PSPAK Spanjol ma tistax tiġi kkontestata quddiem il-qorti nazzjonali sa fejn il-proposta għal PSPAK lill-Kummissjoni ma tikkostitwixxix att amministrattiv li jista' jiġi kkontestat.

127 Fir-rigward tal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta jipprovdi li kull persuna li tkun ġarrbet ksur tad-drittijiet u tal-libertajiet tagħha li huma ggarantiti mid-dritt tal-Unjoni tista' tippreżenta rikors quddiem qorti b'osservanza tal-kundizzjonijiet previsti fl-imsemmi artikolu.

128 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li għalkemm il-kundizzjonijiet għall-ammissibbiltà previsti fl-Artikolu 263 TFUE għandhom jiġu interpretati fid-dawl tad-dritt fundamentali għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, tali interpretazzjoni ma tistax madankollu twassal għall-effett li

jitwarrbu l-kundizzjonijiet previsti espressament fl-imsemmi trattat. (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-3 ta' Ottubru 2013, Inuit Tapiriit Kanatami *et* vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-583/11 P, EU:C:2013:625, punt 98 u l-ġurisprudenza ċċitata, u d-digriet tat-28 ta' Frar 2017, NF vs Il-Kunsill Ewropew, T-192/16, EU:T:2017:128, punt 74).

129 Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-protezzjoni mogħtija mill-Artikolu 47 tal-Karta ma teżiġix li parti fil-kawża għandha tkun tista' b'mod inkundizzjonali tippreżenta rikors għal annullament, direttament quddiem il-qorti tal-Unjoni, kontra atti tal-Unjoni (sentenza tat-28 ta' Ottubru 2020, Associazione GranoSalus vs Il-Kummissjoni, C-313/19 P, mhux ippubblikata, EU:C:2020:869, punt 62).

130 Għandu jingħad ukoll li l-protezzjoni ġudizzjarja effettiva għandha tiġi evalwata billi tittieħed inkunsiderazzjoni wkoll il-protezzjoni offruta mill-qrati nazzjonali. Fil-fatt, huma l-Istati Membri li għandhom jipprevedu sistema ta' rimedji u ta' proċeduri li tippermetti li jiġi żgurat ir-rispett tad-dritt fundamentali għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva (ara s-sentenza tat-13 ta' Marzu 2018, European Union Copper Task Force vs Il-Kummissjoni, C-384/16 P, EU:C:2018:176, punt 116 u l-ġurisprudenza ċċitata).

131 F'dan il-każ, għandu jiġi rrilevat li l-miżura kontenzjuża teħtieġ miżuri nazzjonali ta' implimentazzjoni (ara l-punt 107 iktar 'il fuq).

132 Fil-fatt, hekk kif jirriżulta mill-elementi mfakkra fil-punti 105 sa 109 iktar 'il fuq, il-PSPAK jikkostitwixxi biss dokument li abbażi tiegħu kull Stat Membru jimplimenta l-PAK għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2027 permezz tal-adozzjoni tal-kuntest ġuridiku nazzjonali. L-eżistenza ta' tali miżuri ta' implimentazzjoni hija barra minn hekk ikkonfermata mill-abbozz ta' Digriet Irjali msemmi fil-punt 107 iktar 'il fuq.

133 Minn dan jirriżulta li l-argument tar-rikorrenti bbażat fuq l-assenza ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva ma jipprovdix, waħdu, bażi għall-ammissibbiltà ta' dan ir-rikors.

134 Konsegwentement, l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-Kummissjoni għandha tintlaqa' u dan ir-rikors għandu jiġi ddikjarat inammissibbli, mingħajr ma huwa neċessarju li tingħata deċiżjoni dwar it-talba għall-produzzjoni ta' dokument (ara l-punt 8 iktar 'il fuq).

135 Skont l-Artikolu 142(2) tar-Regoli tal-Proċedura, l-intervent jitlef l-għan tiegħu meta, b'mod partikolari, ir-rikors jiġi ddikjarat inammissibbli. Għaldaqstant, f'dan il-każ, ma għadx hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar it-talba għal intervent imressqa mir-Renju ta' Spanja.

**Fuq l-ispejjeż**

136 Skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu.

137 Peress illi r-rikorrenti tilfet, hemm lok li hija tiġi kkundannata għall-ispejjeż, skont it-talbiet tal-Kummissjoni.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Id-Disa' Awla)

tordna:

1) **Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.**

2) **Ma għadx hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar it-talba għal intervent imressqa mir-Renju ta’ Spanja.**

3) **Complejo Agrícola Las Lomas, SL hija kkundannata għall-ispejjeż.**

4) **Ir-Renju ta’ Spanja għandu jbati l-ispejjeż tiegħu relatati mat-talba għal intervent.**

Magħmul fil-Lussemburgu, fis-17 ta’ Ottubru 2024.

| | |
|---|---|
| V. Di Bucci | L. Truchot |
| Reġistratur | President |